**Kunsill Lokali Marsaskala**
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 9**

**L-Erbgha 12 ta' Frar 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Errol Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **9.1** | ***<u>Qari t'aploġija:</u>***<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kien hemm l-ebda ittra ta apoloġija. |
| **9.2** | ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 8 li saret Nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2025:</u>*** |
| **9.2.1.1** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 4 artiklu 8.3.2 għandha tittranġa u tiġi kif ġej:<br><br><u>"Talba tas-Sinjura Marthese Sciberras biex iżżid is-siegħat tax-xogħol:"</u> |
| | **Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **9.2.2** | **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 8 li saret Nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2025:</u>** |
| **9.2.2.1** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 paragrafu 8.2.2.5 il-ħames paragrafu hu qal illi għalkemm il-kameras ma jaħdmux, hu kellu kuntatt mac-CEO tal-ERA u tal-LESA u tajna 5 hot spots u saru inspezzjonijiet fuq dawn l-areas u marru tajjeb ħafna. |
| **9.2.2.2** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 8.2.2.7 hu qal illi din il-crash barrier saret u jonqos li tinzebaħ u ħadu permess mill-Perit Janice Borg biex isiru ir-reflectors u hi qalet li setgħu jagħmlu dan. |
| **9.2.2.3** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 8.3.4.1 qal illi għandu korrispondenza mingħand Infrastructure Malta fejn reġgħat ħarġet sejħa oħra sabiex isir il-lift li jagħti għal għassa tal-Pulizija, skola, ta' Monita u Triq Immakulata. |
| **9.2.2.4** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 8.3.8 qal illi hu ltaqa ma zewġ raprezentanti tar-Reġjun u beda l-proċess sabiex jinħareġ it-tender il-ġdid pero qabel qed isiru diskussjonijiet mar-rapprezentanti mill-Kunsill u qed jaħdmu flimkien biex jaraw f'kull Kunsill x'hemm bzonn u peress li fil-Lokal ta' Marsaskala hawn l-akbar ammont ta' promenades qed jgħamlu pjan biex jimxu fuqu kemm għal Marsaxlokk u anke għal Buġibba. L-iskop huwa li fil-futur tinħareġ it-tender. |
| **9.2.2.5** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 7 artiklu 8.3.16 qal li ltaqa ma rapprezentant ta' Transport Malta flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud fejn qal illi quddiem l-inspire ser jitla it-traffic light ftit il-fuq biex jiġi ezatt qabel int u nizel min Triq il-Ġemmugħa u l-bus stop ser jitla ftit il-fuq lejn Ħaz Zabbar u ser isir set traffic lights kif taqbez Triq Gemmugħa u ser isir ieħor fi Triq Gemmugha biex itihom cans joħorġu u huma qablu magħha meta urewilhom għax b'dan il-mod in-nies min Triq il-Gemmugħa jkunu jistgħu joħorġu. |

| | |
|---|---|
| **9.2.2.6** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 8.2.2.2 qal illi hu jaf li l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kien inkarigat biex jieħu ħsieb li l-konok vojta jiġu mħawwla u xtaq jiġbed l-attenzjoni li jekk hemm xi konok fejn hemm il-bankina dejqa fi Triq il-Blajjiet dawn jitneħħew biex iħallu dawk b'wheelchair jew pushchair jgħaddu. |
| **9.2.2.7** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 8.2.2.5 fejn qal illi hu japprezza li kien hemm kambjament fuq il-knis pero hu ġibed attenzjoni lil foreman tagħhom għaliex il-ħaxix ħazin irid jinqata u qed jara li mhuwiex isir dan.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jikkomunika magħhom u dejjem għamlu x-xogħol.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandhom joħduha prassi li l-ħaxix ħazin jitneħħa. |
| **9.2.2.8** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 8.2.2.10 u qal illi din is-sistema ser iżżid l-effiċenza u anke jekk jinbidel il-Kuntrattur xorta din is-sistema tista tibqa tintuza. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan il-whatsapp mhuwiex qiegħed għar-residenti izda għal kuntratturi, fl-opinjoni tiegħu tad-dawl hija importanti ħafna.<br><br>Kien hemm qbil li jinxtara dan il-mobile. |
| **9.2.2.9** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq 8.3.4 paġna 4 hu qal illi hemm zewġ problemi li hemm l-ilma ħiereġ minn fuq il-bejt peress li min għamel ix-xogħol ma għamlux sew u fuq il-parti ta' wara tal-Kunsill hemm l-umdita tiela jidher li hemm il-qatran mgħotti bit-tikħil u hu tal-parir li nkellmu lill Perit. Qal illi twaħħal l-iskerting ġewwa u ser tibqa tiela l-umdita.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb ingibu lil xi kuntrattur tal-membrane sabiex jirranġa l-problema li hemm.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li nġibu stima mingħand kuntrattur. |
| **9.2.2.10** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 8.3.9 u qal illi l-kajjik ħareġ mill-garaxx u beda ix-xogħol fuqu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan għandu bzonn kabus minħabba l-elementi tal-ilma li ser jkun hemm la darba jitlesta.<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |
| **9.2.2.11** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 it-tieni paragrafu.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dik ser issir meta issir Triq la Sengle. |
| **9.2.2.12** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagna 7 artiklu 8.3.17 għaliex is-sitwazzjoni tal-imwejjed u siġġijiet qed tigrava u saqsa jekk għandniex xi update.<br><br>Is-Segretarju Ezekiuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu kiteb lis-Sur Martin Bajjada fl-10 ta' Jannar biex jinfurmah li hemm bzonn isir aktar enforcement pero ma rċieva xejn lura. |

| | |
|---|---|
| **9.2.2.13** | Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paġna 6 artiklu 8.3.14 jekk kienx hemm xi feedback min naħa tal-pixxina.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bgħat email pero ma rċieva xejn u għalhekk ser jibgħat reminder. |
| **9.2.2.14** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagna 3 artiklu 8.2.2.4 jekk kellniex progress fuq it-telephone box li kellha issir librerija.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser jerggħu jiltaqgħu mas-sid tal-ħanut ħa jaraw xi progress sar. |
| **9.2.2.15** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 8.2.2.8 fejn qal jekk il-Kunsill għandux ikollu l-pjanti ta' kif ser jiġi l-ġnien f'San Tumas.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi sa issa ħadd m'għandu pjanti.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jistgħu jibgħatu tagħhom sabiex l-Kunsill ikun jista jarahom.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tagħhom għadhom qed jiffinalizzaw allura għad ma hemm l-ebda pjanta. |
| **9.2.2.16** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 l-ewwel sentenza jekk kienx hemm feedback fuq il-vjaġġ tal-anzjani għal isptar.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għad le u ser jerġgħa jibgħat reminder. |
| **9.2.2.17** | Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkellmet fuq paġna 2 artiklu 8.2.1.4 qalet illi it-tfal ma ġewx waqt il-laqgħa tal-Kunsill għaliex ħassew li għadu kmieni wisq u ser iħallu ftit aktar zmien. |
| **9.2.2.18** | Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkellmet fuq paġna 5 artiklu 8.3.7 qalet li kellha issir applikazzjoni oħra bid-dati l-ġodda li huma t-Tnejn, t-Tlieta u l-Ħamis.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din l-applikazzjoni intbagħtet.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario calleja qal illi din habtet mall-Councilling pero qed tiġi ġewwa l-Kunsill kull Nhar ta' Ġimgħa. |
| **9.3** | **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>** |
| **9.3.1** | **<u>PA/00660/25 Site at Triq is-Salini, Triq il-Gandoffli, Triq il-Baħħara u Triq Nigel Dennis Marsaskala:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mas-sidien u kull ma hemm huwa renewal.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma jafx ir-raġuni għalfejn is-sid kien tefa appell.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm klawsola li jsir roof garden. Hu qal illi waħda mill-kundizzjonijiet kien li jiffirmaw dan il-ftehim u ma ġiex iffirmat u nqabez id-deadline u li jinkwetaħ hu li din l-area ma tibqax tal-pubbliku<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-art kienet dejjem *green area* u qatt ma kienet livell ma Triq il-Baħħara izda livell ma Triq il-Gandoffli pero sar xi ftehim biex l-art tibnbena peresli hemm id-dislivelli li jibnu min Triq il-baħħara l'isfel u għalhekk nizluha bħala roof garden. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi is-sid kien qallu li anke nofs it-triq hija tiegħu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kul min jixtri plot, nofs it-triq hija tiegħek.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal pero dak ma jfissirx li t-triq tkun tiegħek izda dik servitu li int obbligat li itella il-livell neċessarju tat-triq.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan qiegħed fil-local plans u mnizzel bħala green area.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-importanti li l-parti li kienet designated bħala public open space tibqa tal-pubbliku.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-PA semmew illi fi zmien 6 xhur irid jiffirma kuntratt u jiġi reġistrat u dan il-kuntratt hemm mnizzel fih li huma jobbligaw ruħhom illi din il-parti ta' Triq il-Baħħara tibqa tintuza mill-Pubbliku.  L-izviluppatur qed jgħid illi hu appella diga snin ilu pero jidher li hu qed jaħdem fuqha.<br><br>Il-Perit tal-Kunsill għandu jiċċekja l-pjanti u fl-istess ħin il-Kunsill jista jdaħħal rapresentazzjoni fejn jgħid illi  l-Kunsill fuq dan il kaz jibqa jsostni li hemm għandha tibqa zona pubblika.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fl-EPRT l-izviluppaturi qed jipprovaw jisfidaw il-local plans għaliex jidher li hu lest li jħallih bħala open space pero mhux pubbliku. Għalhekk tajjeb nerġgħu nitfaw ir-rapprezentazzjoni min naħa tagħna.<br><br>Kien hemm qbil unanimu |
| **9.3.2** | **<u>Vjal Kulħadd (35/0279/25/I):</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-proġett ma ġiex milqugħ pero mbagħad kelmuna In l-Onor Ministru Chris Bonett u s-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia u jidher li l-bankina fi Triq il-blajjiet u Triq iz- Zonqor ser issir parti minn dan il-proġett min naħa tagħhom filwaqt li Triq il-Knisja mhux ser issir bil-pavimentar għalissa |
| **9.3.3** | **<u>Bankijiet fi Triq is-Salini</u>**<br><br>Is-Sur Jesmond Abela qal illi kellu diversi ilmenti illi l-bankijiet fi Triq is-Salini huma kollha sadid.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed jaħdmu fuq proġett min ħdejn il-Knisja sa ħdejn l-eks Jerma u ser jinbiddel kollox. |
| **9.4** | ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>***<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| **9.5** | ***<u>Rapporti</u>*** |
| **9.5.1** | ***<u>Approvazzjoni tal-Unaudited financial statements 2024:</u>***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv spjega l-aunaudited financial statements.  Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandna sal-21 ta frar 2025 sabiex nagħlqu l-accounts tas-sena preċedenti.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għas-sena 2024 il-Kunsill ħareġ €63,814.00 aktar milli daħħal. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min dan l-ammont hemm it-tipping fees qal illi għalkemm il-finanzi xorta qedgħin tajbin ma jridx li kull sena jagħlaq bin-negattiv għaliex l-awditur dejjem jirrimarka. |
| | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-unaudited financial statements bħala dokument korrett u ssekondat Il-Kunsillier Is-Sinjura Maryrose Mifsud. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **9.6** | ***<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;</u>*** |
| **9.6.1** | **<u>Laqgha mal-Maritime Authority:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mal-Maritime authority u ser jibda jsir ix-xogħol fuq il-mini fejn dawn ser jigu kwadri u ser jirranġaw anke l-moll u jippreparaw biex il-quddiem ikollna l-ferry.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ferry f'Marsaskala ma jistax ikun bħal dawk li joperaw f'inħawi oħra bħal birgu dan għaliex anke jekk isir break water kif taqbzu l-baħar ser ikun selvaġġ allura ħa jkun hemm bzonn li l-ferry tkun waħda mdaqqsa sew u dan jaf jikkawza problemi fl-ibħra tagħhna. |
| **9.6.2** | **<u>Triq is-Silla:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fis 17 ta' Frar 2024 ser tinqala u tinbena mill ġdid Triq is-Silla, hu qalilhom li din trid ser issir f'zewġ fazijiet.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba saqsiet jekk ir-residenti humiex mgħarfin.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser isir avviz fuq facebook.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| **9.6.3** | **<u>Ħajt fil-Munxar:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mas-Sur Axisa fuq xi asphalt li ser jingħata fil-Munxar u qallu li fejn hemm iċ-ċint li waqa fuqu hemm triq ser jgħamlu precast concrete u ser jgħamluhom it-tul kollu tal-ħajt u jgħatu l-concrete fuqu umbagħad jitla l-ħajt.<br><br>Il-Kunsillier Is-Sur Gilford qal illi hu ltaqa ma xi ħaddiema barranin u qalulu li qed jagħmlu asphalt. Il-Kunsillier Is-Sur Gilford qal illi hu jixtieq li dak il-post jiġi wieta biex in-nies jimxu hemm u d-dgħajjes jiġu ppostjati aħjar.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemmhekk privat.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi hu jrid ikun ċert fuq dan.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-area fejn hemm il-caravans u quddiema hija privata, il-foreshore huwa tal-Gvern. |

| | |
|---|---|
| **9.6.4** | **<u>Restawr tal-Pillbox fi Triq Apap Bologna</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal il-gunpost li jinsab fi Triq Apap Bologna issa nafu ta min hi u tkellem u iltaqa mas-Sur Wallace Fino u talab biex isir scaffolding biex joħroġ metru u ser jgħina u ġab anke l-materjal sabiex jinbeda x-xogħol u hu jħoss li l-iscaffholding ma jħallasx il-permess tiegħu. |
| **9.6.5** | **<u>Tiġrija taz-zwiemel:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi ser ikun hemm tiġrija taz-zwiemel organizzata mir-Reġjun u z-ziemel abbinat mall-Kunsill tagħna jismu *El President* u n-numru hu 10 u ser issir fit-23 ta' Frar 2024. |
| ➢ | ***Sospenzjoni tal-minuti ghal sezzjoni 9.9 Mozzjonijiet:*** |
| **9.9** | **<u>Mozzjonijiet:</u>** |
| **9.9.1** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (Nru027-30/1/25):</u>**<br><br>*''Tipproponi sabiex iz-zewg strutturi ġo Bandli Mifsud Bonniċi li hawn fir-ritratti, jittranġaw jew jinbidlu għaliex jidher li struttura minnhom llha nieqsa snin. Tajjeb li jsir manutenzjoni fuq it-tapit għaliex hemm partijiet li qed jinqalgħu u dan jista jkun ta' periklu għat-tfal.''*<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi struttura minnhom hija mill-Amerika u mhux ser jerġgħa jkollna minnha.<br><br>Kien hemm qbil li fil-laqgħa li jmiss inġibu strutturi ohra u jintgħazlu minnhom kif ukoll it-tapit ser jinbidel kollu. |
| ➢ | ***<u>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri ħarġet mil-laqgħa fit-8:20pm.</u>*** |
| **9.9.2** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (Nru023-9/1/25):</u>**<br><br>*"Jipproponi li nerġgħu nagħmlu xi tip ta' dawl dekorattiv li jikkumplimenta Triq is-Salini minn ħdejn il-monument tad-Douzelage lejn il-Jerma."*<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-fustun li kien hemm mil-Jerma sa ħdejn Grabiel u dan spiċċa u nqala u għamilna ieħor min Triq San Ġorġ sa ħdejn Grabiel u għalhekk il-biċċa l-oħra tinsab mingħajr fustun. Hu kellu pjan illi kull erba palmiet isir id-dawl maggħom u konna diġa għamilna test ma palma minnhom u kienet ġiet sabiħa ħafna u għalkemm il-palma tikber d-dawl ikun jistgħa jittranga skond it-tul, hu qal illi s-supply li kellna kienet tieħu ħafna aktar voltaġġ minn dawk li għandna bzonn issa.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb jgħaddilu kwotazzjoni sabiex jgħaddiha lill MTA forsi jkunu jistgħu jgħinu fl-ispiza.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb nibdew naħdmu fazi fazi u naraw jekk inkunux nistgħu nsibu xi għajnuna finanzjarja.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| **9.9.3** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (Nru024-9/1/25):</u>** |

| | |
|---|---|
| | *''Jipproponi li mingħajr telf ta' żmien inresqu ilment bħala Kunsill lil WSC peress li hemm ilma ħiereġ minn ġo katusa bejn żewġ residenzi. Dan l-ima ilhu ħiereġ is-snin u hemm bżonn tittieħed azzjoni immedjata. Dan jinstab fi Triq il-Gross quddiem Nru 41.''*<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan l-ilma ġej minn ġol-blat għaliex hu mar fid-dar u raħ b'għajnejh u daħlu l-WSC u r-rapport qed jgħati indikazzjoni li l-ilma jidher li huwa drenaġġ pero ma jridux jerfgħu r-responsabilita' u jgħidu lir-residenti x'inhi, għalhekk hu jħoss li l-Kunsill għandu jikteb lill WSC. Il-WSC għandhom rapport fuq dan l-ilma u ma jridux joħroġuħ. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li dan l-ilma ilu ħiereġ snin u ma nistgħux nieħdu dan il-kaz lightly.<br><br>Kien hemm qbil li tinkiteb ittra uffiċjali lill WSC min naħa tal-Kunsill sabiex jinħareġ dan ir-rapport u tittieħed azzjoni kemm jista jkun malajr. |
| **9.9.4** | **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (Nru025-14/1/25):</u>**<br><br>*"Wara l-laqgħa li kellu l-kumitat ta' Pupillu kompost minn Patrick, Beverly u Celine kien hemm qbil illi jsir kalendarju għas-sena 2026 b'ritratti differenti ta' kull xahar relati mal-lokal u bi promozzjoni qawwija ta' edukazzjoni speċjalment fejn tidħol l-indafa. Dan il-kalendarju jitqassam f'kull residenza f'Marsaskala. Ġie wkoll deċiz li il-maskott ta' Pupillu jkun inkluz f'kull paġna b'tema differenti biex b 'hekk jidhol f'kull residenza fil-Lokal tagħna."*<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan ser joħdilna ll-flus biss tax-xogħol tiegħu.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **9.9.5** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (Nru026-28/1/25):</u>**<br><br>*" Jipproponi sabiex jsiru żewġ zebra crossings fi Triq Sant Anna waħda ħdejn tal-laħam u l-oħra kif taqbeż il-clinic ta' Dr Teebi.''*<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **9.9.6** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (Nru028-4/2/25):</u>**<br><br>*" Jipproponi li f'din id-daħla ta' Ġnien Sant Anna , ngħamlu platform minflokk il-ħamrija u l-iskips jitpoġġew hemm minflok daħla tal-ġnien. Dan sabiex jitneħħa il-ħmieġ mill-passaġġ''*<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **9.9.7** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru029-4/2/25):</u>**<br><br>*" Jipproponi li li fejn il moll il-kbir ta Triq is-Salini nwaħħlu tabelli li hemm mhux permess li jsir għawm, jew tabella li tgħid 'din iz-żona li jimmanuvraw id-dgħajjes zomm il-bogħod / Boat manuvering area no swimming.''*<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mall-moll il-kbir ghad hemm min jinzel jghum.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi anke gazebos ikun hemm, pero jekk ser ngħamlu fuq dan il-moll irridu ngħamluh fuq kull moll. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi hu ma jħossux komdu li jobbliga lin-nies biex ma jgħumux pero li jkunu avzati li hemm periklu u li qed jgħumu għar-riskju tagħhom jaqbel.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-mollijiet u l-baħar ma jaqgħax taħt il-Kunsill għalhekk tajjeb li nkellmu lil Maritime Authority biex iwaħħlu t-tabella huma bħalma għamlu<br><br>Kien hemm qbil li nistaqsu li TMalta biex iwaħħlu din it-tabella. |
| **9.9.8** | **<u>Mozzjoni b'urgenza mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru030-7/2/25):</u>**<br><br>*'' Jipproponi sabiex issir sleeping policeman Triq limiti tal-mozz''*<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **9.9.9** | **<u>Mozzjoni b'urgenza mressqa mis-Sindku s-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru031-10/2/25):</u>**<br><br>*''Jipproponi sabiex issir talba lil Infrastructure Malta sabiex jitjieb id-dawl taz-zunitier tal-Parrocca tagħna hekk kif ser f`irħula oħra.''*<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn skemi fejn dawn it-talbiet jistgħu isiru permess ta dawn l-iskemi. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fuq it-televizjoni Ministru Bonette deher jgħid li l-pjazza ta raħal ġdid ser jgħamlilhom id-dawl għalhekk tajjeb li issir talba lil dan il-Ministeru li għandna bzonn dawl mall-kampnar u z-zuntier.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **9.7** | ***<u>Korrispondenza:</u>*** |
| **9.7.1** | **<u>Palm San Tumas email dated 14/01/25:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ser tmexxi fuqha sabiex titlob il-permess fuq din l-area pero fejn hu pubbliku nistgħu naqbdu u nħawwlu l-palm.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm bzonn ta' DNO.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill idaħħal DNO. |
| **9.7.2** | **<u>CCTV Bidni (35/3325/24/I):</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm bzonn urġenti għal din il-camera.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li ssir. |
| **9.7.3** | **<u>Skemi SPI.SCI.02.2025 Skema għall-attivitajiet Kulturali annwali 2025/2026, SPI.SCI.03.2025 Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet aktar nodfa 2025, SPI.SCI.04.2025 Espressjoni ta' Interess Milied 2025:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi ser tiltaqa ma xi nies sabiex jinghaqad kumitat tal-Kultura u jibdew isiru calendar of events.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi diga hemm calendar of events.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi tixtieq li ssir Festa melħ pero ser tiltaqa man-nies interessati li jidħlu fis-sotto kumitat it-tnejn umbagħad fil-laqgħa li jmiss tipprezenta s-suġġerimenti li jkunu iddiskutew. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jidher li mhux ser nleħħqu mad-deadline<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjura Janice Falzon issuġeriet illi Skema SPI.SCI.03.2025 nipprovaw nipproponu proġett pilota ta underground bins.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi provawha fiz-Zejtun pero ma ħadmitx.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet illi nsitgħu ngħamlu *marketing campaign* tal-iskart bil mascot pupillu.<br><br>Kien deċiz li jitkellmu mall-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri u din l-iskema terġgħa tgħaddi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex tittieħed deċizjoni.<br><br>Kien hemm qbil li SPI.SCI.02.2025 napplikaw għal Festa Melħ, SPI.SCI.03.2025 ser tgħaddi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u SPI.SCI.0.4.2025 napplikaw għal Milied Skaliz. |
| **9.7.4** | **<u>Inizjattiva Kunsilli Lokali Project Green (35/0270/25/I):</u>**<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kellmuha Project Green u qalulna sabiex insibu spazji miftuħa jew abbandunati li huma tal-Kunsill jew tal-Gvern u huma jirrangawhom u jgħamluhom landscape.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk xi ħadd jaf b'xi biċċa art tajjeb li jgħidilna biha.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb nduru dawra mar-raħal u naraw fejn jista jsir.<br><br>Kien hemm qbil li nsibu postijiet u napplikaw għaliha. |
| **9.7.5** | **<u>Request for Information on PC00016/24:</u>**<br><br>Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi darba konna għaddejna din il-PC pero din iz-zona tesigi li jkun hemm villa waħda pero jidher li dawn iridu jbiddlu l-policy biex flok full detached villa idaħħlu semi detached villas.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi policy zoning mhuwiex local plan.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk ser jibdel policy din għandha tkun f'idejn il-Planning u mhux f'idejn il-Kunsill.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sur Janice Falzon qalet illi hu qed jgħid li ser jmexxi l-bini aktar lura pero irid jieħu mill-ġnien privat tiegħu.<br><br>Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni la darba ma jinkisrux il-policies u jibqgħu sular wieħed.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-biza tiegħu hu li hekk ser nkunu qed nagħtu l-go ahead sabiex tinbidel l-policy u l-vilel l-oħra jiġu kollha mibnijin.<br><br>Il-Kunsill qabel li min naħa tal-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni filwaqt li nikwotaw l-SMSE 04 fejn tgħid *''if the green area is a private garden, no development is allowed ''* u li ma jsibx oġġezzjoni għal semi detached villas. |
| **9.7.6** | **<u>Bella vista area upgrading of traffic management:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din hija biss informazzjoni għall Kunsilliera. |

| | |
|---|---|
| **9.8.1** | **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 9:</u>** |
| **9.8.1.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-pagamenti li daħlu tard:<br><br>Ofici - Inv No 2025/000711 – Cartridges - €353.17<br>PTR Machinery – Inv No 59 – Repair on powerwash - €120.01<br>Sigma Coatings – Inv 10397575 – Cartridges and less extra payment - €257.00<br>Inv 10396258 - Cartridges and less extra payment - - €67.85<br>DTR Ltd – Inv DTR: DG/20 2501 123 – Architect professional fees - €236.00<br>DTR: DG/20 2501 122 - Architect professional fees - €295.00<br>Catbros Ltd – Inv 089/25 – Repairs of pvements and patching - €10552.68 |
| | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk l-A hijiex l-insurance tal-Kunsill.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-insurance tal Kunsill hija *fully comprehensive* jekk il-ħaddiema u l-Kunsilliera iweġġħaw huma jew iweġġaw il-ħaddieħor u anke jekk imur l-apparat tal-eletrriku jew jiġri xi ħaġa fil-bini, apparti min hekk hemm insurance tal-Local Council Association li hija l-health insurance. |
| | ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba issekondat. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni*** |
| **9.10** | **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**<br><br>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.<br><br>L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.35pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar 10 ta' Marzu 2025 fis-6.00pm.<br><br>Ikkonfermat illum 12 ta' Frar 2025.<br><br>IFFIRMAT IFFIRMAT<br><br>________________ ________________<br>**Josef Grech** **Mario Calleja**<br>**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**<br><br>Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 9 id-Disa Leġislatura |